MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 2463/1999/1

**Miriam Cauchi f'isimha proprju bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Yanika**

**v.**

**Francis Cauchi**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-10 ta' Novembru 1999 li tghid hekk:

“Peress illi l-kontendenti izzewgu nhar it-28 ta’ Novembru 1997 (Dok. A).

“U peress li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ vjolenza, mohqrija, sevizzji, ingurji gravi u nkompatibilita’ ta’ karattru kontra l-attrici.

“U peress li l-konvenut qatt ma ried jghix il-hajja mizzewga bl-ewwel obbligi lejn l-attrici u bintu tarbija.

“U peress li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

“U peress li miz-zwieg taghhom il-kontendenti ghandhom tifla minuri D (Dok. B).

“U peress li l-attrici giet awtorizzata tghaddi ghas-separazzjoni personali mill-konvenut permezz ta’ digriet nru: 1502/99 ta’ l-4 ta’ Awissu 1999 moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili (Dok. C).

“Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-kontendenti minhabba l-htijiet imsemmija tal-konvenut.

“2. Takkorda l-kura u l-kustodja ta’ binthom minuri D lill-attrici u l-manteniment xieraq skond il-ligi.

“2A. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici, dik is-somma li joghgobha tiffissa bhala manteniment ghaliha u bintha minuri D.

“3. Tordna l-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni ta’ l-akkwisti f’ ishma ndaqs bejn il-partijiet.

“4. Tordna li l-assi parafernali ta’ l-attrici jirrivertu ghand l-attrici.

“5. Tordna li l-attrici u bintha minuri D jirrisjedu fil-fond “Red Rose”, Misrah Alofju Wignacourt, Zabbar ad eskluzjoni tal-konvenut.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi
“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; u l-attrici ma tistax tidher bhala kuratrici ghat-tifla minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

“2. Illi l-konvenuta telqet u abbandunat id-dar matrimonjali u kienet hi li wettqet sevizzi, eccessi, ingurji gravi, mohqrija u swat fil-konfront tal-konvenut; mhux minnu li l-intimat wettaq sevizzi, eccessi, ingurji gravi u swat fil-konfront ta’ martu.

“3. Illi jekk dan iz-zwieg tkisser kien primarjament minhabba l-attitudni tal-attrici li fl-ewwel lok ma kienetx kapaci terfa’ r-responsabbilta’ li ssir omm u ma setghetx tifhem id-dwejjaq ta’ zewgha meta dan ftit wara t-twelid tat-tifla kellu jlahhaq mal-problema ta’ ommu li ddahhlet l-isptar tbati minn kancer li temmilha hajjitha fi zmien qasir. L-attrici egoistikament kienet tirrabja u thebb ghal zewgha meta dan kien jirritorna d-dar mill-isptar fejn kien ikun jassisti lil ommu moribonda. Il-konvenut hu tifel uniku u r-responsabbilta’ tieghu lejn ommu kellu jerfaghha wahdu.

“4. Illi ghalhekk l-attrici ghandha titlef ukoll kull dritt ghall-manteniment minghand ir-ragel u kull dritt ghal sehemha mill-oggetti tal-komunjoni maghmula bil-hidma tar-ragel;

“5. Illi l-attrici mhijiex il-persuna idoneja sabiex ikolha l-kura u l-kustodja tal-minuri kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni;

“6. Illi l-konvenut ma ghamel xejn daqstant gravi li minhabba fiha ghandu jigi kostrett jitlaq mid-dar matrimonjali u dan oltre l-fatt li hu ma ghandux fejn imur

jghix u lanqas ghandu fondi biex jixtri jew jikri dar ohra. L-attrici minn naha taghha telqet mid-dar, ghadha sallum tipprova tipprovokah anke bi vjolenza diretta lejh minnha jew minn membri ta' familtha, u ddikjarat li qatt ma riedet tmur tghix Zabbar fejn hemm il-familja tal-konvenut. Hi fil-fatt qed tghix Birkirkara fejn hemm il-familjari kollha taghha.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fid-9 ta' Jannar, 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-konvenut u sussidjarja ta' l-attrici;

[2] tilqa' l-ewwel parti tat-tieni talba billi takkorda l-kura u kustodja tal-minuri D lill-attrici, bid-dritt ta' access ghall-konvenut kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata **"Kura u Kustodja";** tilqa' t-tieni parti tat-tieni talba billi tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici, bhala manteniment ghaliha u ghal binthom, is-somma kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata **"Manteniment";**

[3] tilqa' t-tielet talba u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **"Komunjoni ta' l-Akkwsiti";**

[4] tilqa' r-raba talba fil-konfront taz-zewg partijiet kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata **"Komunjoni ta' l-Akkwisti";**

[5] tilqa' l-hames talba limitatament ghall-perijodu ta' sena, wara liema perjodu l-attrici flimkien mal-minuri ghandhom jivvakaw l-imsemmi fond, kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata **"Komunjoni ta' l-Akkwisti";**

"L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Separazzjoni Personali**

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet imputabbli lilu fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16. Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg lill-attrici ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 ta' l-istess kapitlu imputabbli lilha.

"Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Novembru 1997, kellhom tarbija u sseparaw de facto fil-31 ta' Marzu 1999.

"Illi l-verzjoni attrici hija fis-sens li sa minn qabel iz-zwieg kien hemm indhil esagerat minn naha ta' missier il-konvenut. Kien hemm okkazzjonijiet meta l-konvenut kien aggressiv maghha verbalment, u f' okkazzjoni minnhom anke fizikament. Hija takkuza lill-konvenut, allura l-gharus taghha, li huwa kien "jigbed hafna lejn familtu"; huwa ta' karattru dominanti; kien interessat hafna finanzjarjament, u konsegwentement kienu jiggieldu ta' spiss.

"L-attrici tghid li wara z-zwieg, l-inkwiet bejniethom beda mill-bidunett. Tghid li l-konvenut kien xhih maghha, u kien hemm nuqqas ta' rispett u affezzjoni da parti tieghu fil-konfront taghha, allura martu. Huwa kien baqa' wisq attakkat mal-genituri tieghu, u tghid li, filwaqt li kien jispicca mix-xoghol f' xi 4.15pm huwa kien jirritorna lura d-dar fid-9.00 pm. Hi tghid li anke meta harget tqila wara sitt xhur ta' zwieg, il-konvenut qatt ma ghenha f' xejn.

"Di piu' tirrakkonta dwar incident li sehh fil-31 ta' Marzu 1999, hmistax wara t-twelid tat-tifla taghhom D, li fih il-konvenut kien refa' idejh fuqha; u wara intervent mill-pulizija li gew fuq il-post fuq rikjesta tal-familjari taghha, hija telqet mid-dar matrimonjali u eventwalment marret tghix mal-genituri taghha bit-tarbija.

"L-attrici pprezentat zewg certifikati medici[1] dwar dan l-incident, wiehed jiccertifika li "on examination she was

[1] Fol.47 [pagni 11 u 12]

visibly disturbed but had not signs of external injury" filwaqt li l-iehor mahrug fl-1 ta' April 1999 mit-tabiba Moira Mizzi jiccertifika li l-attrici kellha xi griehu fuq gisimha li gew klassifikati mit-tabiba bhala "none of the above are of serious consequence." Fuq dan l-incident il-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] u filwaqt li kien gie misjub hati, inghata l-piena ta' ammonizzjoni u reprensjoni.[2]

"Illi l-verzjoni tal-konvenut hija fis-sens li l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet beda circa xahar wara t-twelid tat-tarbija taghhom fit-12 ta' Marzu 1999. F' dan iz-zmien il-konvenut, tifel uniku, gie nformat li ommu kellha marda terminali, u li ghalhekk huwa kien qed iqatta' hafna hin l-isptar flimkien ma' missieru. Huwa jghid li kien qal lill-attrici sabiex f' dan iz-zmien hija tmur tghix ma' ommha peress li t-tifla twieldet b' operazzjoni u l-attrici kien ikollha l-ghajnuna meta hu ma kienx ikun qieghed hemm. Jidher pero` li l-attrici rrifjutat din il-proposta ta' zewgha u minflok insistiet li hi tibqa' tghix fid-dar matrimonjali, u wkoll li l-konvenut kellu jqassam il-hin bejn ommu li kienet qeda l-isptar fi stat hazin, u martu li kienet ghadha ghajjiena minnhabba t-twelid tat-tifla. Il-konvenut jghid li wara t-twelid tat-tarbija martu kienet saret nervuza u kienet tgergirlu hafna peress li kien qed idum l-isptar u kien jidhol tard id-dar fid-9.30 pm.

"Darba minnhom hu kien gie d-dar ma' missieru u kien qal lil martu li missieru kien ser jghix maghhom ghal xi zmien. L-attrici oggezzjonat ghal dan il-fatt, bir-rizultat li nqala' l-incident sfortunat tal-31 ta' Marzu 1999 li fih il-konvenut ikkaguna griehi hfief u ta' ebda importanza medika lil martu. Wara l-intervent tal-pulizija, il-konvenut intbaghat lura d-dar matrimonjali, filwaqt li l-attrici telqet mat-tifla u marret tghix mal-genituri taghha.

"Il-konvenut jichad li huwa ghandu karattru dominanti u li kien aggressiv ma' martu. Huwa jichad l-allegazzjonijiet l-ohra maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu; u jakkuza lil martu li hi persuna supperva u nteressata fil-flus.

---

[2] Ibid [pagna 10]

"Illi dak in-nhar ta' dan l-incident il-partijiet isseparaw de facto wara konvivenza matrimonjali ta' sena u tlett xhur.

"*Ikkunsidrat ulterjorment*

"Illi kif osserva l-perit legali, f' dan il-kaz ma jezistux provi tangibbli dwar l-allegazzjoni ta' vjolenza ripetuta maghmula, mill-attrici fil-konfront tal-konvenut. Din l-allegazzjoni li tinsab konfortata mill-familjari ta' l-attrici tinsab michuda mill-konvenut, u di piu' mhijex sostnuta bi provi li juru b' mod sodisfacenti li l-konvenut kien wettaq atti ta' vjolenza fizika fuq l-attrici, bhal per ezempju certifikati medici. Barra minnhekk din il-Qorti difficli taccetta bhala veritiera l-allegazzjoni li l-konvenut kien vjolenti sahansitra waqt l-gherusija, u ciononostante l-attrici accettat li tinghaqad mieghu fiz-zwieg li mill-provi ma jirrizultax li kien zwieg bazat fuq xi grad qawwi ta' imhabba.

"Jigi osservat li l-uniku ncident li fih il-konvenut gie ppruvat li refa' idejh fuq l-attrici kien dak li sehh fil-31 ta' Marzu 1999 li kellu bhala konsegwenza tieghu l-fatt li l-attrici telqet mid-dar konjugali. Di piu' kemm mic-cerfikati medici esebiti u x-xhieda tat-tabiba Moira Mizzi, kif ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] jirrizulta li l-vjolenza uzata mill-konvenut kienet wahda minima. Inoltre, il-komportament tal-konvenut ghandu jigi valutat fid-dawl tas-sitwazzjoni li hu kien ghaddej minnha f' dak iz-zmien li sservi bhala attenwanti, ghalkemm mhux skuzanti, tal-komportament abusiv tieghu. Inoltre, u b' emfasi, jinghad li dan kien incident isolat li zgur 'per se' ma kienx il-kawza tas-separazzjoni.

"Izda dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi jirrizulta li l-konvenut wera li hu bniedem li ried li tghaddi tieghu akkost ta' kollox, anke ta' martu. Dan jimmanifesta ruhhu mill-mod kif hu qabad u ha d-decizjoni unilaterjali li jistieden lil missieru jorqod fid-dar konjugali minghajr ma kkonsulta lil martu jew ta kaz ta' l-oggezzjoni taghha. Huwa naqas jgharraf li martu kellha tigi qabel il-

genituri tieghu, bir-rizultat li ma' l-oggezzjoni taghha nqala' incident li kien jirrikjedi l-intervent l-pulizija.

"Il-Qorti tirrabadixxi li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet karatterizzata minn nuqqas ta' mhabba u affezzjoni reciproka, kif ukoll mill-fatt li l-konvenut, tifel uniku, kien baqa' migbud wisq lejn il-genituri tieghu anke wara li zzewweg, b' detriment ghal-konvivenza matrimonjali. Minn naha taghha l-attrici, minkejja l-istat dghajjef ta' sahha taghha f' dak iz-zmien, setghet uriet aktar komprensjoni ghad-dwejjaq u l-imrar li kien ghaddej minnu l-konvenut kawza tal-marda terminali ta' ommu. Din is-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet ma sabitx ghajnuna fl-indhil da parti tal-genituri tal-partijiet, bir-rizultat li wara konvivenza matrimonjali qasira hafna, l-attrici telqet mid-dar konjugali.

"Dan premess u kkonsidrat il-Qorti tikkondividi l-osservazzjonijiet tal-abbli perit legali li "kien hemm inkompatibilita' bejn il-kontendenti, probabilment meghjuna bl-agir tal-genituri taghhom, kemm attivament jew passivament, li rrendiet ir-relazzjoni ta' bejniethom priva mis-sentiment u bazata kwazi esklussivamnet fuq premessi monetarji". In sostenn ta' din il-konkluzjoni, il-perit legali jsemmi in-nuqqas ta' fiducja reciproka tal-partijiet rigwardanti d-depositi bankarji.

"Il-Qorti tosserva ulterjorment li n-nuqqas ta' affezzjoni reciproka da parti taz-zewg partijiet matul l-hames snin gherusija, kawzata mill-egoizmu da parti taghhom, partikolarment da parti tal-konvenut, anke fuq l-aspett finanzjarju; u n-nuqqas da parti ta' l-konvenut li jaccetta r-responsabbilitajiet tieghu bhala ragel tal-familja u jpoggi lil martu qabel il-familja tieghu, kienu fatturi sottostanti l-litigji kontinwi bejn il-partijiet li bdew matul il-hames snin [5] tal-gherusija, komplew matul is-sena u tlett xhur konvivenza matrimonjali, u pperduraw, bl-intervent tal-familjari rispettivi taghhom, tul iz-zmien [8 snin] kollu tal-proceduri odjerni. Il-Qorti tirravvisa fil-komportament taz-zewg partijiet, is-sevizzi fil-konfront ta' xuxlin, fit-termini ta' l-artikolu 40, u li z-zewg partijiet huma responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhom, bi grad akbar da parti tal-

konvenut. Jigi osservat li l-imputazzjoni ta' abbandun maghmula mill-konvenut fil-konfront ta' martu ma tirrizultax, ukoll, stante li ma jirrizultax provat ir-rekwizit taz-zmien kontemplat fl-artikolu 41.

"**Kura u Kustodja**

"Illi in propositu jimpera l-principju li l-interessi tat-tifla minuri huma supremi u jipprevalu fuq l-interessi u x-xewqat tal-genituri. Il-Qorti ghandha tkun gwidata minn dak li hu ta' l-akbar vantagg u utilita' ghal minuri. Konformament, hija taqbel mal-kostatazzjoni tal-perit legali li f' dan il-kaz ma hemm xejn li jipprekludi milli z-zewg genituri jkollhom kuntatt ampju ghal binthom, li llum ghandha tmien [8] snin, specjalment meta dina qeda tikber, tifhem u tapprezza aktar.

"Illi pero` tenut kont tas-sitwazzjoni prezenti tal-partijiet li sallum ghadhom jippikkaw u ma huma disposti li jaqblu fuq xejn, "ma jistax ikun li fuq kull kwistjoni li tikkoncerna t-tifla tqum gwerra" ghax dan ikun ta' hsara kbira lit-tifla li minn naha taghha f' hajjitha ghandha bzonn mhux terren ta' gwerra, izda stabbilita' f' kull aspett. Ghalhekk il-Qorti *rebus sic stantibus* tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li l-minuri D ghandha tibqa' fil-kura u kustodja ta' ommha l-attrici, liema stat ilu jipperdura minn mindu twieldet il-minuri.

"Il-Qorti taqbel ukoll li l-access tal-missier ghal bintu ghandhu jizdied biex tizviluppa izjed u tissahhah ir-relazzjoni ta' bejniethom. F' dan l-istadju mhux inopportuna l-osservazzjoni, li <u>l-minuri hija taz-zewg genituri u t-tifla ghandha bzonn iz-zewg genituri</u> ghall-ahjar zvilupp tal-personalita' taghha.

"Ghalhekk, wara li rat il-konkluzjonijiet tal-perit legali in propositu ghall-modalita' ta' l-access tal-missier, u hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti thoss li, fl-interess tal-minuri, l-access ghandu jkun hekk:

" [1] **Matul l-iskola**, l-access tal-missier ikun kull nhar ta <u>Erbgha</u> mit-3.00 pm sas-6.30 pm, u kull nhar ta' <u>Hamis</u>

mit-3.45 pm sas-6.30 pm; u kull nhar ta’ Sibt jew Hadd, b’ mod alternattiv, mid-9.30 am sal-5.30 pm;

“ [2] **Fil-vaganzi** tal-Milied, tal-Ghid u tas-Sajf, l-access ta’ matul il-gimgha jibqa’ l-istess, izda dak tal-*weekend* jigi estiz mid-9.30 am sas-7.00 pm;

“ [3] Fil**-granet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Ghid u *birthdays*** tat-tifla, l-access ikun mill-4.00 pm sas-7.30 pm u mid-9.30 am sat-3.00 pm alternattivament; fis-sens li jekk f’ okkazzjoni wahda l-access ikun filghaxija, fl-okkazzjoni sussegwenti l-access ikun filghodu. Illi fl-ewwel okkazzjoni li jmiss wara din is-sentenza, l-access ikun filghaxija;

“Tirriserva li tipprovdi dwar it-talba tal-konvenut ghal *sleepover*, meta dan ikollu post adegwat fejn ikun jista’ jraqqad lil bintu, u okkorrendo wara li l-Qorti tkun semghet lill-istess minuri in propositu.

“**Manteniment**

“Illi fl-ewwel lok jigi osservat li, ghalkemm tezisti fuq iz-zewg partijiet, ir-responsabbilita’ ghas-separazzjoni personali, ghalkemm fi grad differenti, il-Qorti ma tkkunsiderax li c-cirkostanzi tal-kaz jimmeritaw l-applikazzjoni ta’ l-artikoli 48 u 51 tal-Kap.16 fil-konfront ta’ xi parti; u ghalhekk, f’ dan il-kaz ghandu jibqa’ veljanti sa certu perijodu u sa certu grad id-dritt li, l-attrici fic-cirkostanzi, tibqa’ tircevi ammont ta’ manteniment minghand il-konvenut, kemm-il darba dina ma tkunx tahdem bi qligh adegwat.

“Kif josserva gustament il-perit legali, l-attrici ghadha zghira u kienet diga’ fl-impieg, filwaqt li t-tifla qeda tikber u tmur l-iskola, u ghalhekk ma hemm xejn xi jzommha milli tikkontribwixxi ghal-ghixien taghha u ta’ bintha.

“Illi ghal dak li jirrigwarda l-quantum tal-manteniment dovut lill-attrici kemm ghaliha kif ukoll ghal bint il-partijiet, huwa relevanti l-fatt li l-minuri tinsab fil-kura u kustodja effettiva ta’ l-attrici li ghalhekk, apparti milli fic-cirkostanza

hija necessarjament qeda taghti sehem aktar mill-konvenut ghat-trobbija tal-minuri, hija wkoll necessarjament ristretta f' dan l-istadju tal-hajja taghha fl-opportunijiet li ssib xoghol full time.

"Dan premess u kkunsidrat, flimkien mal-fatt li mill-atti jirrizulta li l-konvenut ghandu qligh nett ta' Lm74 fil-gimgha, il-Qorti thoss gust li tordna li l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghaliha jkun ta' Lm15 fil-gimgha u dana limitatament ghal perijodu ta' hames snin, filwaqt li dak dovut ghall-minuri jkun ta' Lm20 fil-gimgha sakemm dina tghalaq it-18-il sena jew tibda tahdem bi qligh adegwat. L-ispejjez relattivi ghall-edukazzjoni u sahha tal-minuri ghandhom jinqassmu bejn iz-zewg partijiet ugwalment, u r-rifuzjoni ta' l-ispejjez isir kontro d-debiti ricevuti jew invoices.

"**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"Illi l-assi [attiv u passiv] tal-komunjoni jikkonsisti fis-segwenti:

[1] Il-fond "Red Rose" Misrah Adolf Wignacourt Zabbar valutat fl-ammont ta' Lm34,000;
[2] Oggetti mobbli;
[3] Kontijiet bankarji;
[4] Krediti tal-partijiet versu l-komunjoni;
[5] Kreditu ta' missier il-konvenut, u l-eredi ta' martu Catherine.

"*Assenjazzjoni*

"Fic-cirkostanzi l-Qorti, wara li wkoll ezaminat il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali, tikkunsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni, u ghalhekk tordna hekk:

"**[a]** li d-dar matrimonjali bl-isem "Red Rose" Misrah Adolf Wignacourt Zabbar tinbigh fuq is-suq hieles bil-prezz ta' mhux anqas minn Lm34,000, fi zmien sena; izda jekk ma tkunx inbighet wara dan il-perijodu, tinbigh bis-subbasta – sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor

“Matul l-imsemmi perijodu ta’ sena l-attrici hija awtorizzata tibqa’ tghix fl-imsemmi fond ma’ bint il-partijiet; <u>izda qed tigi minn issa ordnata li wara li jiskadi l-imsemmi perijodu ta’ sena hija flimkien mal-minuri tivvaka l-imsemmi fond</u>.

“Illi r-rikavat mill-bejgh ta’ l-imsemmi fond jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet, **<u>wara</u>** li minnu jithallsu l-krediti hawn taht imsemmija:

“ [1] Hamest elef u sitt mitt lira maltin **[Lm5,600]**, lill-konvenut rapprezentanti flus mahruga aktar mill-attrici fix-xiri, kostruzzjoni u arredament [finishings] tad-dar konjugali;[3]

“ [2] Hamest elef, tlett mija u wiehed u tmenin lira maltin **[Lm5,381]** lill-konvenut rapprezentanti spejjez maghmula minnu sabiex il-fond jigi *rez* abitabbli;[4]

“ [3] Tlett elef, sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltin **[Lm3,642],** lill-Joseph B u lill-eredi ta’ martu Catherine B, flimkien ma’ l-imghax tat-8% fuq l-ammont ta’ Lm1,120 mid-data ta’ l-ittra ufficjali[5] cioe’ 11 ta’ Mejju 1999;[6]

“ [4] Elfejn u tmienja u erbghin lira maltin **[Lm2,048],** lill-attrici rapprezentanti spejjez tal-kcina, u nofs l-ispejjez tat-tieg;[7]

“**[b]** li l-oggetti mobbli, kemm dawk appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti, kif ukoll dawk parafernali taz-zewg partijiet, ghandhom jigi assenjati u kkonsenjati lill-partijiet rispettivi kif stabbilit mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu a fol.1459 [**appendici A**]. Il-Qorti taddotta dawn il-kostatazzjonijiet u konkluzjonijet fl-intier taghhom, b’ mod li ghandhom jifformaw parti ntegrali mill-gudizzju odjern [**appendici B** – Vol.3 fol.722 pagni 4 u 5 tan-nota tal-

[3] Infra
[4] Infra
[5] Vol.1 fol.125 dok.FC3
[6] Infra
[7] Infra

konvenut; **appendici C** – Vol.3 fol.722 pagni 6 sa 8; **appendici D** – Vol.3 fol.722 pagni 8 sa 9]

“Konformament l-oggetti ndikati fl-appendici A huma parafernali ta’ l-attrici u ghandhom jigu konsenjati lilha; dawk indikati fl-appendici B huma parafernali tal-konvenut u ghandhom jigu konsenjati lilu, flimkien mad-*dreamland bedding*, *fan heater* u l-affarijiet tat-*Tip Top* indikati a fol.740 tal-Vol.3. Il-mobbli appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandhom jinqassmu kif stabbilit mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu a fol.1459.

“**[c]** *Krediti parafernali – konvenut u krediti ta’ Joseph u Catherine, konjugi B*

“Illi z-zewg partijiet qed jivvantaw kontra l-komunjoni diversi krediti parafernali, fuq xogholijiet u hlasijiet li saru in konnessjoni mad-dar matrimonjali u spejjez ohra konnessi maz-zwieg.

“Illi in propositu l-Qorti ma tikkondividix il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill perit legali, u dana fuq diversi aspetti.

“Rigward ix-xiri tad-dar matrimonjali u l-ispejjez inkorsi ghal kostruzzjoni taghha u sabiex giet resa abitabbli, jirrizulta mill-provi li permezz ta’ kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Joseph Lia fl-4 ta’ Novembru 1993[8] il-partijiet flimkien kienu xtraw l-*area* fejn kellha tinbena d-dar matrimonjali mill-istess venditur. Ix-xiri ta’ dan il-fond sar versu l-prezz ta’ Lm2,800.

“Sussegwentement il-partijiet hallsu lill-istess venditur l-ammonti ta’ Lm2,000 u Lm4,800 ghax-xoghol ta’ kostruzzjoni maghmul minn dan ta’ l-ahhar fuq l-istess fond. Ghalhekk b’ kollox id-dar matrimonjali, gebel u saqaf, swiet lill-partijiet is-somma komplessiva ta’ Lm9,600 li minnhom l-attrici ddikjarat li kienet hallset Lm2,000; filwaqt li l-kumplament ta’ Lm7,600 harighom il-

[8] Vol.1 Fol.72

konvenut.[9] Ghaldaqstant hija korretta s-sottomissjoni tal-konvenut li ghax-xiri tad-dar u kostruzzjoni taghha huwa hareg **Lm5,600** aktar mill-attrici, u ghalhekk dan l-ammont huwa dovut lill-konvenut.

“Illi permezz ta’ verbal maghmul mill-partijiet fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2001 li nzammet quddiem l-Assistant Gudizzjarja Dottor Monica Galea, il-partijiet iddikjaraw “li huma qed jaqblu li fir-rigward ta’ l-ammonti ta’ flus zbursati miz-zewg partijiet biex tinxtara d-dar konjugali, l-ammonti mahurga miz-zewg partijiet kienu wgwali, u ghaldaqstant fix-xiri ta’ l-arja u tat-tromba tad-dar konjugali il-partijiet kienu hargu l-istess ammont ta’ flus.”[10] Il-konvenut jissottometti, u fil-fehma ta’ din il-Qorti ghandu ragun, li dan il-ftehim jirrigwarda biss ix-xiri tal-post, u mhux l-ispejjez kemm ta’ kostruzzjoni, kif ukoll ta’ arredamenti [finishings]; u ghalhekk dawn ghandhom jigu komputati separatament u meqjusa bhala krediti parafernali kontra l-komunjoni ta’ min hallas ghalihom.

“Illi, rigward ix-xogholijiet li saru fil-fond de quo u li gew imhallsa mill-konvenut, jirrizutlta pacifiku bejn il-partijiet kif ukoll mill-haddiema li ghamlu x-xogholijiet rispettivi, li kien il-konvenut li ha hsieb u hallas ghax-xogholijiet relatati mal-installazzjoni tad-dawl u ilma, ix-xoghol ta’ l-aluminium, ix-xoghol ta’ l-injam [bibien] u t-tqieghid ta’ madum u ta’ tiles, kif ukoll xiri ta’ sanitary ware.[11]

“Illi jirrizulta wkoll sodisfacentement provat li Joseph B, missier il-konvenut, u li hu bniedem tas-sengha, ghamel diversi xogholijiet fil-fond in kwistjoni, qabel iz-zwieg. Dan jinsab konfermat mill-istess attrici li fix-xhieda[12] taghha tghid li missier il-konvenut kesa l-post kollu, ghamel il-katusi tad-drenagg, tella’ t-torba, xkatla l-post kollu biex ikun jista’ jinzebagh, zebagh il-post kollu u wahhal madum fis-shower u mal-hajt fil-kcina, kien ukoll jixtru l-materjal.

---

[9] Il-partijiet qablu li l-prezz tax-xiri [Lm2,800] kien thallas bejn tnejn ugwalemnt, filwaqt li b’ kollox l-attrici harget Lm2,000 u cioe’ Lm1,400 sehemha mill-prezz tax-xiri, u Lm600 parti mill-ispejjez tal-kostruzzjoni. Il-kumplament thallsu mill-konvenut

[10] Vol.1 Fol.70

[11] Vol.4 fols.1086 sa 1098

[12] Vol.4 fol.1091 *et seq.*

"Izda, filwaqt li l-attrici tammetti li saru dawn ix-xogholijiet minn Joseph B, hija pero` tikkontesta l-pretensjoni da parti tieghu ghall-hlas ta' dawn ix-xogholijiet u spejjez billi ssostni li hija kienet fehmet li dawn kienu ser isiru bhala forma ta' donazzjoni. In propositu l-Qorti tosserva li, apparti l-estensjoni tax-xogholijiet, ix-xhieda[13] ta' l-imsemmi nutar f' dan ir-rigward, iddghajjef serjament it-tesi attrici. In-Nutar Lia jispjega li "dejjem kien hemm l-*understanding* li Joseph B … kien ser jaghmel xi spejjez f' dan il-post u xi xogholijiet ukoll, dan peress li huwa bniedem tas-sena…..Hija [l-attrici] kienet taf li Joseph B kien ser jaghmel xi xogholijiet go dan il-post li kien inxtara u li kien ukoll ser johrog spejjez ta' materjal u naturalment kellu jithallas ta' dawn l-ispejjez; nghid li dan il-ftehim sar quddiemi."[14]

"Inoltre dan jinsab konfermat mill-iskrittura privata[15] ffirmata mill-partijiet u mill-istess Joseph B fl-14 ta' Mejju 1994, hames xhur wara x-xiri tal-post, minn fejn tirrizulta cara l-intenzjoni u l-ftehim raggjunt bejn il-partijiet u missier il-konvenut, li dana kien qed jigi nkarigat minnhom sabiex jesegwixxi xogholijiet [inkluzi l-ispejjez relattivi] fil-fond mixtri minnhom. Huma ddikjaraw espressament li jaccettaw li "jhallsu l-ammonti kollha dovuti lil Joseph B u cioe' Lm320 u Lm800 <u>u l-ammonti l-ohra li jkunu dovuti aktar il-quddiem</u> [u li jistghu jigu kalkolati mill-perit arkitett civili mqabbad mill-partijiet] fuq talba semplici ta' l-istess Joseph B bl-imghax massimu li tippermetti l-ligi." Altru milli rigal jew donazzjoni ! Jigi osservat li dak li jirrizulta car mill-konvenzjoni ma jghatix lok ghal interpretazzjoni, u *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur.* Ghalhekk fit-termini ta' l-imsemmija skrittura, missier il-konvenut ghandhu dritt kuntrattwali li jesigi hlas ghax-xogholijiet kollha maghmula minnu fl-imsemmi fond, u r-rifuzjoni ta' l-ispejjez kollha nkorsi minnu, bil-kunsens taz-zewg partijiet.

"Ghaldaqstant l-ezistenza ta' kreditu parafernali da parti tal-konvenut ghall-ispejjez tad-diversi xogholijiet

[13] Vol.4 fol.1095 *et seq.*
[14] Ibid. fol.1096
[15] Vol.1 fol.108 – sottolinear tal-Qorti

maghumla fil-fond de quo u ta’ oggetti u materjal mixtrija minnu tinsab ampjament provata;  kif ukoll jinsab ampjament provat il-fatt li missieru Joseph B kien ghamel diversi xogholijiet u spejjez fl-istess fond, u dana mhux b’ donazzjoni.

“*Quantum tal-kreditu ta’ Joseph B u martu Catherine B [jew l-eredi taghhom]*

“Illi mill-provi jirrizulta ampjament provat li dan ghandu ghandu kreditu versu l-komunjoni ta’ Lm320 rapprezentanti spejjez inkorsi minnu, u Lm800 prezz ta’ xoghol maghmul minnu sad-data ta’ l-iskrittura u cioe’ l-14 ta’ Mejju 1994;  izda l-konvenut, fin-nota tieghu jsostni li “wara dak in-nhar pero` jirrizulta, anke permezz ta’ ricevuti, li missier il-konvenut ghamel xoghol u spejjez ohra ammontanti ghal Lm3,642 [kif juri id-dok.147[16]] li minnhom l-ammont ta’ Lm1,705 kienu flus moghtija lill-konvenut u martu sabiex huma setghu jhallsu l-kontijiet [fol.121 et seq.][17]

“Illi l-konvenut in sostenn tal-premess jaghmel referenza ghal dokument minghajr data prezentat minnu a fol.1018 u 1019 tal-process, li fih hemm elenkati x-xogholijiet, l-ispejjez u d-donazzjonijiet ta’ flus maghmula lilu minn missieru fl-arredament tal-post.  Il-Qorti tosserva li, stante li dan id-dokument huwa bla data, kif ukoll tenut kont tal-fatt li jinkludi fih il-prezz ta’ Lm800 ghax-xoghol ta’ kisi, l-ammont ta’ Lm2,037 ghandu jitqies li jinkludi fih l-ammonti ta’ Lm320 u ta’ Lm800 indikati fl-iskrittura fuq imsemmija; u ghalhekk ghall-finijiet ta’ din il-kawza l-kreditu, ghal-xogholijiet u spejjez, li jirrizulta sodisfacentement provat li hu dovut lill Joseph B huwa ta’ Lm2,037, flimkien ma’ l-imghax tat-8% fuq l-ammont ta’ Lm1,120 mid-data ta’ l-ittra ufficjali[18] cioe’ 11 ta’ Mejju 1999.  Jigi osservat li l-kumplament ta’ l-ispejjez indikati fl-imsemmi dokument huma ragjonevoli ghax-xoghol maghmul mill-istess Joseph B u ghalhekk il-Qorti accettathom bhala korretti anke fin-nuqqas ta’ ricevuti appositi.

---

[16] Fol.1018
[17] Vol.5 fol.1499
[18] Vol.1 fol.125 dok.FC3

"Rigward il-kreditu ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm1,605 rapprezentanti deposti tal-bibien ta' gewwa, tat-tarag ta' l-irham u tal-poggaman fl-ammonti ta' Lm300, Lm650 u Lm655, din il-Qorti, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, u fuq bazi ta' probabbilita', taccetta bhala veritiera din ix-xhieda tal-konvenut li hu kien irceva minghand missieru dawn is-sommom biex jghinu fil-hlas ta' parti mill-ispejjez maghmula fil-fond de quo. Ghalhekk anke dan l-ammont huwa dovut lill-Joseph B u lill-eredi ta' martu, li b' kollox ghandu jiehu minghand il-konvenuti s-somma komplessiva ta' **Lm3,642.**

"Illi pero` l-imsemmi ammont ta' Lm1,605 dovut lil Joseph B, ghandu jitnaqqas mill-ammont pretiz mill-konvenut fl-affidavit tieghu [a fol.870 et seq.] rapprezentanti l-ispejjez maghmula minnu ghax-xiri ta' l-oggetti in kwistjoni.

"In fine il-Qorti tosserva li hi ma tikkondividix l-posizzjoni mehuda mill-perit legali in propositu ghal dan id-debitu. Dan huwa debitu tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u ghandu jittiehed in konsiderazzjoni bhal kull debitu iehor li jirrizulta dovut mill-provi, bhal per ezempju, krediti tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kontijiet tad-dawl u ilma u krediti ohrja. *Multo magis* fil-kaz odjern meta l-kreditu jikkostitwixxi xoghol maghmul fil-fond u allura kopert bil- privilegg skond il-ligi. Jigi osservat li x-xoghol u l-ispejjez maghmula minn Joseph B, saru bil-kunsens taz-zewg partijiet, kienet saret skrittura privat li permezz taghha gie kristalizzat parti mill-ammont tal-kreditu u giet tradotta fil-kitba l-intenzjoni tal-partijiet li x-xoghol maghmul minn Joseph B kien qed isir bl-intendiment li jigi remunerat. Inoltre, u b' emfazi qawwi, x-xoghol sar ghall-beneficju taz-zewg partijiet li ser jigwadanjaw minnu anke meta jinbiegh l-istess fond. Ghalhekkk huwa gust u korrett li dak li jirrizulta dovut lil Joseph B u martu ghandu jigi konfermat u ghandu jithallas mir-rikavat tal-bejgh tal-fond.

"*Quantum tal-kreditu tal-konvenut*

“Illi kemm fl-affidavit[19] tieghu kif ukoll fil-lista prezentata a fol.870 et seq. flimkien mad-diversi dokumenti annessi, il-konvenut elenka lista ta’ l-ispejjez maghmula minnu qabel iz-zwieg relatati ma’ xogholijiet li saru fid-dar matrimonjali.

“Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-listi u d-diversi dokumenti u ricevuti annessi, wara li hadet konjizzjoni tal-kontestazzjonijiet maghmula mill-attrici fir-risposta taghha a fol.822, u wara li kkunsidrat li kien hemm partiti mnizzlin darbtejn kif ukoll wara li kkunsidrat il-fatt li hemm ricevuti li ma jikkostitwux prova sodisafacenti tal-hlasijiet allegati; il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut irnexxielu jipprova kreditu fl-ammont ta’ Lm6,986.02 li minnu ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ Lm1,605 li kif fuq stabbilit kien selfu missieru biex jixtri l-affarijiet indikati fid-dok.147. Ghalhekk il-kreditu dovut lill-konvenut huwa ta’ **Lm5,381**.

“In fine jigi osservat li, ghajr ghal bibien ta’ gewwa bil-hgieg [dok.139] u l-oggetti indikati fid-dok.144, l-bqija ta’ l-oggetti ndikati fit-taqsima B ta’ l-imsemmija lista [fol.872], jistghu jittiehdu mill-konvenut.

“**[d]** *Krediti parafernali ta’ l-attrici*

“Illi l-attrici qeda tivvanta bhala kreditu s-somma ta’ Lm1,096 rapprezentanti spejjez inkorsi minnha sabiex sar it-tieg, u li jinsabu elenkati fid-dokument MAM[20] Il-Qorti taqbel ma’ l-attrici li dawn l-ispejjez sar ghall-beneficju tat-tnejn ghax it-tieg sar ghaz-zewg partijiet u t-tnejn gawdew minn dawn l-ispejjez, u ghalhekk huwa gust li l-konvenut jhallas lill-attrici nofs l-ispejjez, ammontanti ghas-somma ta’ Lm548. Ma dan l-ammont ghandu jizdied l-ammont ta’ Lm1,500 li huwa l-valur tal-kcina maghmula mill-attrici u li ser tibqa’ fil-post. B’ hekk l-ammont dovut lill-attrici bhala **kreditu parafernali taghha u ta’ Lm2,048**.

“**[e]** *Depositi bankarji*

[19] Vol.1 Fol.120 dol.FC1
[20] Vol.1 dok. MAN fol.259

“Illi in propositu l-Qorti taghmel referenza ghall-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fil-pagna 17 tar-relazzjoni tieghu a fol.1458[21] u taddottahom fl-intier taghhom.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi:
“I. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet izda dvarja s-sentenza fejn taddebita parti mill-htija ghal tali separazzjoni lill-appellanti attrici u dana billi l-htija ghandha tkun dikjarata kollha kemm hi kontra l-konvenut appellat.

“II. Tikkonferma s-sentenza in kwantu takkorda l-kura u kustodja tal-minuri lill-attrici appellanti izda tvarja l-modilatijiet ta’ access tal-konvenut appellat b’mod li dan l-access tal-konvenut appellat b’mod li dan l-access ikun kif mitlub u spjegat mill-appellanti superjorment. Fil-kaz tal-manteniment dan ghandu jkun varjat billi jkun f’dak il-*quantum* mitlub superjorment mill-appellanti sew fejn jirrigwarda lilha sew fejn jirrigwarda lill-bint minuri.

“III. Dwar id-dar konjugali, din ghandha tibqa’ proprjeta` tal-kontendenti bid-dritt ta’ abitazzjoni fiha appartenenti esklussivament lill-appellanti u lil bintha u dana sa ma din taghlaq 18-il sena.

“IV. Bla pregudizzju ghal dak mitlub fil-paragrafu precedenti, tikkonfema s-sentenza fejn din ordnat ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti izda tvarja l-assenjazzjoni ta’ l-istess b’mod li jigi akkolt dak li gie mitlub superjorament mill-attrici appellanti. Fil-kas tad-dar konjugali l-bejgh taghha ghandu jsir wara li l-bint minuri taghlaq 18-il sena u r-rikavat jitqassam skond kif superjorment mitlub mill-esponenti.

[21] Vol.5

“V. Tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn jigu assenjati l-assi parafernali u dana billi jsir dak li superjorment mitlub mill-attrici appellanti.

“VI. Illi fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez is-sentenza tigi varjata billi jigi ordnat li l-konvenut appellat ghandu jhallas hu l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi.”

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab ic-cahda ta’ l-appell ta’ l-attrici, bl-ispejjez kontra taghha, u li din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti bil-mod li gej:
“1. Tikkonferma s-sentenza fejn akkordat is-separazzjoni pero` tirriformaha fejn indikat li din grat bi htija primarja tal-konvenut u sekondarja ta’ l-attrici u minflok tiddikjara lil-htija tas-separazzjoni kienet unikament jew primarjament ta’ l-attrici;

”2. Tordna li minflok li l-kura u kustodja tal-minuri Janika tkun fdata lill-attrici biss, il-kura u kustodja tkun fdata konguntivament liz-zewg partijiet. Mill-bqija dwar l-access ghandha tirriforma biss il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-access ta’ nhar ta’ Erbgha u l-Hamis meta l-access ghandu jigi mibdul biex il-minuri minflok tingabar minn Haz0Zabbar fl-3:45pm u tigi ritornata hemmhekk fis-7:00pm u mill-bqija l-access kollu l-iehor jibqa’ kif deciz mill-ewwel Onorabbli Qorti;

“3. Tirriforma il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet it-tielet talba u ordnat x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u li din tigi assenjata kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni intestata **“Komunjoni ta’ l-Akkwisti”**, u minflok tordna li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh u qabel il-qasma tar-rikavat l-appellat ghandu jiehu LM14,193.30 – cioe` €33,061.50. Kif deskritt f’pagni 21 sa 26 fuq. B’dan li dwar l-ammont dikjarat bhala dovut lil missier il-konvenut, dan l-ammont kif likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti ghandu jigi prelevat mill-konvenut qabel il-qasma (flimkien mal-prelevamenti parafernali l-ohra) u wara jigi assenjat ukoll lill-konvenut id-debitu lil missieru u dan dejjem jekk kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti

ix-xoghol u flus li hareg missier l-appellat ghandhom jitqiesu bhala debitu tal-komunjoni li ghandhom jithallsu qabel il-qasma. F'kaz pero` li (i). Ix-xoghol tal-missier (mhux konnessi mas-sengha tieghu) ma jitqiesux bhala debitu tal-komunjoni allura dawn kollha ghandhom jitqiesu bhala rigal tal-missier lill-appellat u ghalhekk ghandhom f'kull kaz ukoll jigu prelevati qabel il-qasma mill-konvenut bhala parafernali;

"4. Tikkonferma l-parti fejn laqghet ir-raba' talba fil-konfront taz-zewg partijiet kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata **"Komunjoni ta' l-Akkwisti"** u dan b'riserva ghal dak indikat fit-talba precedenti fuq;

"5. Tvarja il-parti fejn laqghet il-hames talba attrici limitatament ghall-perijodu ta' sena, billi tiddeciedi li l-attrici flimkien mal-minuri ghandhom jivvakaw l-imsemmi fond parafernali immedjatament u mhux fi zmien sena wara is-sentenza u dan sabiex il-fond jinbiegh;

"6. Tvarja l-parti ts-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti akkordat l-ispejjez tal-kawza in kwantu ghal zewg terzi [$^{2}/_{3}$] lill-konvenut u li r-rimanenti terz [$^{1}/_{3}$] lill-attrici billi minflok takkorda l-ispejjez taz-zewg istanzi kollha kemm huma jew principalment lill-attrici kif jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti;"

Rat it-twegiba ta' l-attrici ghall-appell incidentali tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li l-appell incidentali interpost mill-appellat jigi michud bl-ispejjez kollha a karigu ta' l-istess appellat;

Semghet lid-difensuri tal-parrtijiet fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ghal separazzjoni personali mitluba mill-mara kontra zewgha. Il-partijiet izzewgu fit-28 ta' Novembru, 1997, u minn dak iz-zwieg twieldet tifla,

Yanika, li llum ghandha 9 snin. Il-kawza kienet wahda kombattuta hafna, li hadet tul ta' snin biex tigi determinata, u gew ipprezentati diversi xhieda u atti tul is-smigh. Bizzejjed jinghad li l-process ta' l-ewwel Qorti wasal sa elf hames mija u hamsa u erbghin (1,545) pagna. L-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi prodotti, u waslet ghal diversi konkluzjonijiet in konnessjoni mad-diversi kwistjonijiet li gew sollevati mill-partijiet.

L-attrici appellat minn diversi aspetti tal-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, fil-waqt li l-konvenut ressaq appell incidentali li in forza taghha hu wkoll attakka diversi aspetti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Din il-Qorti sejra titratta dawn l-appelli flimkien u tittrattahom fid-dawl ta' kull konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, u evenetwalment tasal ghall-konkluzjoni wahda u b'hekk tiddisponi mill-appell principali ta' l-attrici u dak incidentali tal-konvenut.

**RESPONSABBILITA` GHAS-SEPARAZZJONI**

L-ewwel Qorti sabet li z-zewg partijiet jahtu ghas-separazzjoni, bi grad akbar da parti tal-konvenut. Iz-zewg partijiet appellaw minn din l-ewwel konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, bit-tnejn jargumentaw li l-htija ghandha tkun tal-parti l-ohra. L-attrici tibbaza l-argumenti taghha l-aktar fuq incident li sehh fil-31 ta' Marzu, 1999 meta sfat aggredita minn zewgha waqt li l-konvenut jghid li dan kien incident wiehed ta' darba biss – li sehh meta kien inkwetat minhabba mard ta' ommu – u kien il-karattru skifuz ta' l-attrici li wassal ghall-firda, skifezzija li baqghet timmanifesta ruhha wara s-separazzjoni *de facto* bl-ostakoli li kontinwament kienet tohloq biex hu jkollu kuntatt ma' bintu.

Din il-Qorti ezaminat il-provi u tikkondividi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan il-kuntest. Hu veru li m'hemmx prova li l-konvenut kien hati ta' vjolenza ripetuta fil-konfront ta' l-attrici, u l-incident tal-31 ta' Marzu 1999, ma kienx wiehed gravi, tant li ma irrizultawx griehi gravi u ta' natura permanenti, pero`, tara li l-karattru tal-konvenut, b'mod generali, ma kienx konducenti ghall-hajja mizzewga. Hu kien baqa' marbut mal-genituri tieghu u ma kienx jagharaf ir-responsabbilitajiet godda tieghu lejn martu. Bhala l-

uniku tifel tal-gerituri tieghu, il-konvenut baqa' emozzjonalment marbut ma' l-ewwel familja tieghu, u ma kien jippermetti lil hadd, lanqas lil martu, ixxellef din ir-rabta. Kull wild ghandu obbligu li jibqa' jirrispetta u jgib lill-genituri tieghu sa ma dawn imutu, pero`, darba guvni jew tfajla tiddeciedi li tizzewweg u titlaq mid-dar, trid taghti l-ewwel post lill-familja l-gdida. Il-konvenut ma messux izzewweg jekk ma kienx lest jaghti l-ewwel post lil martu u l-familja tieghu. Fl-atti hemm diversi okkazzjonijiet li jindikaw dan l-atteggjament, bhal meta ried li martu, wara li welldet it-tarbija, tmur tghix ma' ommha biex ikollha l-ghajnuna, waqt li hu jmur jghix ma' missieru (peress li ommu kienet l-isptar). L-attrici, pero`, riedet tibqa' d-dar, izda hu peress li kien iqatta' hafna hin l-isptar fejn kienet rikoverata ommu, ma setax jghinna u l-attrici saret nervuza u kienet tgergirlu hafna. Hu veru li ommu kienet l-isptar b'marda terminali, pero`, fil-waqt li kellu jibqa' jzurha l-isptar b'mod regolari, l-ewwel obbligu tieghu xorta wahda kien lejn martu li welldet tarbija b'operazzjoni u kienet qed tghejja hafna tiehu hsieb lit-tarbija waheda. Il-konvenut kien kuljum jidhol id-dar fid-9.30pm; wara x-xoghol imur ghand il-genituri jew l-isptar, u ftit li xejn kien jassisti lil martu. Darba minnhom ukoll, peress li ommu kienet l-isptar, gab lill-missieru d-dar u, minghajr ma kkonsulta ruhu ma' martu, insista li missieru joqghod maghhom. Kien bniedem li ried li tghaddi tieghu akkost ta' kollox, u ppretenda li martu toqghod ghal dak li jghidilha hu. Mhux hekk isiru l-affarijiet fiz-zwieg.

Dan ma jfissirx li l-attrici hi nieqsa minn kull htija. Jidher li hi wkoll kellha strati ta' egoizmu, u setghet, min-naha taghha, turi ftit aktar komprensjoni lejn l-istat li kien jinsab fiha zewgha minhabba l-mard ta' ommu. Kif qalet l-ewwel Qorti, ir-relazzjoni taghhom ma kienetx mibnija fuq il-veru mhabba, li tfisser li taghti lilek innifsek lill-parti l-ohra, izda aktar fuq premessi finanzjarji, biz-zewg partijiet jigbdu lejn in-naha taghhom.

L-aggravji tal-partijiet indirizzati lejn din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti qed jigu, ghalhekk, michuda.

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

L-ewwel Qorti afdat il-kura u l-kustodja tal-minuri lil omm, pero`, ipprovdiet ghall-access favur il-missier. Fil-waqt li l-attrici trid tnaqqas l-access, il-konvenut qed jitlob kura u kustodja kongunta u li jkollu aktar kuntatt ma' bintu. Din il-Qorti qed tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom.

Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux *vice versa*. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli. Din il-Qorti, ghalhekk, tistmerr l-attitudni ta' l-attrici li minflok tikkopera biex taghmilha facli ghat-tifla zzomm kuntatt ma' missierha, tippika u tinsisti fuq id-drittijiet taghha, u anke izzeffen fin-nofs lil hutha u membri ohra tal-familja taghha biex tara li tghaddi taghha. Il-Qorti tinnota li specjalment fil-bidu, il-konvenut kellu kemm-il darba jitlob l-intervent tal-Qorti biex ikun jista' jara lil bintu, ghax l-attrici kienet sfidat lil kulhadd, sahansitra lill-Qorti, u ma riedetx turi t-tifla lill-konvenut.

Din il-Qorti lanqas ma trid li l-access jigi pprattikat bl-iskossi. It-tfal ghandhom dritt ghall-istabbilita` f'hajjithom u fil-programm ta' kuljum u ta' kull gimgha. Il-Qorti, ghalhekk, tara li jkun aktar desiderabbli li l-granet ta' l-access ghall-missier jonqsu fil-waqt li jizdied il-hin ta' kuntatt. Ghalhekk, tara li l-access ghandu jkun hekk:

(a) matul l-iskola, l-access ikun ta' darba matul il-gimgha, il-Hamis biss, mill-4.00pm sas-7.00pm, bil-konvenut jigbor it-tifla minn Haz-Zabbar, fejn qed tirresjedi l-omm flimkien mat-tifla, u jirritornaha hemmhekk fis-7.00pm; u kull nhar ta' Sibt jew Hadd, b'mod alternattiv, mit-8.30am sas-7.00pm, ezercitat bl-istess mod;

(b) Fil-vaganzi tal-Milied, ta' l-Ghid u tas-Sajf l-access ikun biss fil-*weekend*, is-Sibt u l-Hadd mid-9.30am sat-8.00pm; meta jkun possibbli, it-tifla tghaddi l-lejl shih bejn is-Sibt u l-Hadd ma' missierha l-konvenut;

(c) Fil-granet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Ghid u *birthday* tat-tifla kif ipprovdiet l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti tikkondividi r-rizerva li ghamlet l-ewwel Qorti li tvarja dan l-access meta jkun possibbli li t-tifla tibda torqod id-dar ta' missierha.

**MANTENIMENT**

L-ewwel Qorti irrpovdiet billi ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm15 fil-gimgha ghall-attrici u dana ghall-perijodu ta' hames snin, u Lm20 fil-gimgha ghat-tifla sa ma din taghlaq 18-il sena jew tibda tahdem bi qliegh adegwat. Kif jigri s-soltu, l-attrici trid izjed u l-konvenut irid ihallas anqas.

Din il-Qorti trid taghmilha cara mill-ewwel li hi ma tikkondivix l-argument tal-konvenut li hu ghandu jhallas anqas, ghax b'hekk il-Gvern izidilha r-relief u l-attrici tibqa' bl-istess somma. Il-Qorti tghid minghajr tlaqliq li hi disgustata li biss saret tali proposta! L-obbligu tal-manteniment hu tal-koppja mizzewga, u mhux tac-cittadini Maltin! Mara mizzewga m'ghandhix tkun ta' piz fuq il-Gvern (li jkollu jaghmel tajjeb ghal dan minn flus il-poplu), izda tal-koppja stess.

Min-naha l-ohra, huwa obbligu taz-zewg partijiet li jahsbu ghall-manteniment, u peress li l-mara kapaci u tista tahdem (qabel ma zzewget kienet suldat u qed taghmel xi xoghol fl-iskola ta' Santa Monika), ir-ragel m'ghandux jibqa' obbligat li jmantniha ghal snin twal, specjalment meta l-mara tkun hi wkoll ikkontribwiet ghal ksur tal-hajja matrimonjali. Ghalhekk, tara li l-konvenut ghandu jkompli jmantni lil martu ghal tlett snin ohra mil-lum; wara dan it-tifla jkollha 12-il sena, tkun fi skola sekondarja u l-omm tkun tista' tahdem biex tmantni lilha nfisha. Ghar-rigward tal-manteniment tal-minuri, il-Qorti taqbel li dan ghandu jkun ta' Lm20 fil-gimgha sakemm din taghlaq it-18-il sena

jew ikollha impieg full-time. Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tadotta s-suggeriment ta' l-attrici, sabiex minflok il-konvenut jhallas nofs l-ispejjez relattivi ghall-edukazzjni u s-sahha tal-minuri, kif ipprovdiet l-ewwel Qorti, tordna lill-konvenut jghaddi nofs il-bonus lill-attrici ghal dawn il-htigijiet, dejjem sakemm it-tifla taghlaq 18-il sena jew ikollha impieg full-time. B'dan il-mod tkun qed tevita skontri u glied bejn il-partijiet li, milli jidher, ghadhom ihaddnu certu odju lejn xulxin. Ma tarax, pero`, li, f'dan l-istadju, ghandha tordna li l-manteniment jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut biex jintbaghat direttament lill-attrici. Dment li l-konvenut ikun regolari u puntwali fil-hlas tal-manteniment, m'ghandux jigi "umiljat" li jkollu l-paga tieghu mnaqqsa mill-*employer* tieghu, bhallikieku hu bniedem li ma jonorax l-obbligi tieghu. Ovvjament, jekk il-konvenut jibda ma jkunx regolari fil-hlasijiet tal-manteniment, il-Qorti tkun tista' tipprovdi xort'ohra.

**<u>DAR MATRIMONJALI</u>**

L-ewwel Qorti ordnat li din id-dar tinbiegh wara sena, u meta tinbiegh il-partijiet u missier il-konvenut l-ewwel jiehdu dak li hargu ghall-kostruzzjoni u l-abbiljament taghha, u li jibqa' jinqasam b'mod ugwali. Iz-zewg partijiet appellaw fuq il-mod kif l-ewwel Qorti iddecidiet fuq dan il-punt, u ressqu diversi aggravji dwar diversi aspetti tad-decizjoni relattiva.

Ikkonsidrat id-diversi aggravji, din il-Qorti taqbel ma' dak li osserva l-konvenut li jkun riskju li thalli lill-attrici d-dritt li tibqa' fid-dar matrimonjali ghal sena ohra. Mehud kont ta' l-antagonizmu u l-pika li hemm bejn il-partijiet, jaqbel li d-dar tinbiegh minnufih. Jekk il-partijiet ma jsibux bejgh taghha fis-suq hieles bil-prezz ta' mhux anqas minn Lm34,000, u dan sa zmien tlett xhur mill-lum, id-dar ghandha tinbiegh bis-subasta fuq semplici talba ta' wiehed mill-partijiet; f'kaz li d-dar tkun ser tinbiegh bil-procedura tas-subasta, biex jigu evitati spejjez zejda, il-Qorti tordna li bhala stima, jittiehed il-valur ta' Lm34,000.

Kif inghad, l-ewwel Qorti ordnat li, mir-rikavat Lm3,642 jinghataw lill-missier il-konvenut ghall-ispejjez li ghamel

fid-dar.  Fil-waqt li din il-Qorti mhux qed tghid li dawn il-flus mhux dovuti lill-Joseph Cauchi, ma tarax li tista' tordna dan il-hlas f'dawn il-proceduri, meta dan Joseph Cauchi <u>mhux parti fil-kawza</u>.  Il-Qorti ma tistax tikkanonizza kreditu, meta l-pretiz kreditur ma jkunx parti fil-kawza.  Il-kawza hija wahda ta' separazzjoni bejn il-partijiet, u fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti ma tistax tordna hlas lil terzi persuni.  Li tista' tghid din il-Qorti hu li fil-waqt li tikkonferma li missier il-konvenut ghamel hlasijiet a beneficcju tal-partijiet, jekk jirrizulta li haqqu rimbors ghal dawn l-ispejjez, dak il-hlas huwa dejn tal-komunjoni, u, wara llum, peress li giet terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti, ghandu jithallas nofs kull wiehed mill-partijiet.  Il-Qorti, pero`, ma tistax tordna hlas f'dawn il-proceduri, u d-drittijiet ta' l-imsemmi Joseph Cauchi qed jibqghu impregudikati u riservati *si et quatenus*.

Il-partijiet, f'din il-kawza, hlew hafna hin u sforz biex jindikaw min nefaq x'hiex ghall-kostruzzjoni tal-fond u l-*finishing* tieghu.  Fil-fehma tal-Qorti, pero`, il-partijiet tant hawwdu u kkomplikaw il-bicca li hu difficli li din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni cara tan-nefqa tal-partijiet.

Minn dak li setghet tara din il-Qorti, il-konvenut nefaq Lm9431.20 (Lm8426.75 + Lm1004.55 ghall-kostruzzjoni u ghall-mobbilja rispettivament), fil-waqt li l-attrici tghid li nefqet Lm7448 (ghall-kostruzzjoni u nofs l-ispejjez tat-tieg).  Is-somom johorgu minn diversi ricevuti li esebew il-partijiet u l-Qorti taccettahom, anke ghaliex hafna minnhom gew accettati individwalment milll-kontro-parti.  Li ticcensura din il-Qorti hija pretensjoni ta' l-attrici, mhux sostnuta b'ircevuta, ghall-Lm1096 ghat-tieg, meta wiehed iqis li t-tieg kien ghal 14-il-persuna u kien jikkonsisti f'ikla l-Buskett Forest.  Tara li din is-somma ghandha tonqos bin-nofs u peress li, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, huwa gust li l-konvenut ihallas lill-attrici nofs din l-ispiza, l-attrici ghandha tigi akkreditata bis-somma ta' Lm274 (nofs l-ispiza ta' Lm548).  B'hekk tirriduci l-pretenzjoni ta' l-attrici ghal Lm7174.  B'hekk, meta tqis in-nefqa tal-konvenut u dik ta' l-attrici, hemm bilanc favur il-konvenut ta' Lm2,257, li ghandhom jinghataw lill-konvenut meta tinbiegh id-dar; il-bqija tar-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**<u>OGGETTI OHRA TAL-KOMMUNJONI TA' L-AKKWISTI</u>**

L-ewwel Qorti pprovdiet ukoll ghall-qsim ta' l-oggetti mobbli, kemm dawk appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll dawk parafernali taz-zewg partijiet, u anke ipprovdiet ghall-qasma/assenjazzjoni tad-depoziti bankarji. Fuq dawn, il-partijiet resqu wkoll xi aggravji, pero`, din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, ma tarax li ghandha tvarja l-mod kif l-ewwel Qorti ghamlet il-qasma relattiva.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti, kemm dak principali kif ukoll dak incidentali, billi tilqa' l-istess fis-sens li tvarja s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u tiddeciedi l-kawza kif gej:

(1) Tilqa' l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-konvenut u sussidjarja ta' l-attrici;

(2) Tilqa' l-ewwel parti tat-tieni talba billi takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Yanika lill-attrici, b'dan li d-dritt ta' access ghall-konvenut ikun kif gej:
(a) matul l-iskola, l-access ikun ta' darba matul il-gimgha, il-Hamis biss, mill-4.00pm sas-7.00pm, bil-konvenut jigbor it-tifla minn Haz-Zabbar, fejn qed tirrisjedi l-omm flimkien mat-tifla, u jirritornaha hemmhekk fis-7.00pm, u kull nhar ta' Sibt jew Hadd, b'mod alternattiv, mit-8.30am sas-7.00pm, ezercitat bl-istess mod;

(b) fil-vaganzi tal-Milied, ta' l-Ghid u tas-Sajf, l-access ikun biss fil-*weekend*, is-Sibt <u>u</u> l-Hadd mid-9.30am sat-8.00pm; meta jkun possibbli, t-tifla tghaddi l-lejl shih bejn is-Sibt u l-Hadd ma' missierha l-konvenut;

(c) fil-granet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Ghid u l-*birthdays* tat-tifla l-access ikun mill-4.00pm sas-7.30pm u mid-9.30am sat-3.00pm alternattivament; fis-sens li jekk f'okkazjoni wahda l-access ikun filghaxija, fl-okkazjoni sussegwenti l-access ikun filghodu. Illi fl-ewwel okkazjoni li jmiss wara din is-sentenza, l-access ikun filghaxija.

Tirriserva li tipprovdi dwar it-talba tal-konvenut ghal *sleepover*, meta dan ikollu post adegwat fejn ikun jista' jraqqad lil bintu, u okkorrendo wara li l-Qorti tkun semghet lill-istess minuri in propozitu.

(3) Tilqa' it-tieni parti tat-tieni talba, billi tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici, bhala manteniment ghaliha s-somma ta' Lm15 fil-gimgha u dana limitatament ghal perijodu ta' tlett snin mil-lum, u bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' Lm20 fil-gimgha u nofs il-bonus sakemm dina taghlaq it-18-il sena jew ikollha impieg *full-time*; spejjez in konnessjoni ma' l-edukazzjoni, sahha u bzonnijiet ohra tat-tifla jkunu kollha a karigu ta' l-attrici.

(4) Tilqa' t-tielet talba u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li din tigi assenjata kif stabbilit u ordnat mill-ewwel Qorti fis-sezzjoni intestata "Komunjoni ta' l-akkwisti", <u>b'dan</u> li (a) id-dar matrimonjali ghandha tinbiegh fis-suq hieles fi zmien tlett xhur mil-lum, u mhux fi zmien sena kif ordnat l-ewwel Qorti, (b) l-attrici ghandha minnufih tivvaka l-indikat fond matrimonjali, u mhux fi zmien sena kif ordnat l-ewwel Qorti, u (c) r-rikavat mill-bejgh ta' l-imsemmi fond jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet, <u>wara</u> li lill-konvenut jinghata s-somma ta' Lm2,257 (ekwivalenti ghal €5257.40), u mhux kif stabbilit mill-ewwel Qorti; qed jibqa' rizervat favur missier il-konvenut, Joseph Cauchi, u l-eredi tal-mejta martu Catherine, id-dritt li jitolbu reinbors ghal ispejjez li hargu fil-fond matrimonjali *si et quatenus*.

(5) tilqa' r-raba talba fil-konfront taz-zewg partijiet kif stabbilit mill-ewwel Qorti fis-sezzjoni minnha intestata "Kommunjoni ta' l-Akkwisti";

(6) tichad il-hames talba attrici.

L-Ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu nofs kull wiehed mill-partijiet fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------